

Brussell, 16 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0900(NLE)

10567/23
ADD 2

INST 215
POLGEN 58
PE-L 22
CO EUR-PREP 18

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn: Is-Sur Markus WINKLER, Deputat Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew

data meta waslet: 16 ta' Ġunju 2023

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Suġġett: Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL EWROPEW li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew
- Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Ġunju 2023 dwar il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew.



TESTI ADOTTATI

P9_TA(2023)0243**Il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew****Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Ġunju 2023 dwar il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew (2021/2229(INL) – 2023/0900(NLE))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 14(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 106a(1) tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2018/937 tat-28 ta' Ġunju 2018 li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew¹,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Frar 2018 dwar il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew²,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu tat-3 ta' Mejju 2022 dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett, li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill (76/787/ECSC, KEE, Euratom) u l-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett anness ma' dik id-Deċiżjoni³ (“ir-risoluzzjoni leġislattiva tat-3 ta' Mejju 2022 dwar ir-riforma tal-liġi elettorali Ewropea”),

- wara li kkunsidra l-Kodiċi ta' Prassi Tajba fi Kwistjonijiet Elettorali tal-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa,

¹ ĠU L 165 I, 2.7.2018, p. 1.

² ĠU C 463, 21.12.2018, p. 83.

³ ĠU C 465, 6.12.2022, p. 171.

- wara li kkunsidra l-Artikoli 46, 54 u 90 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A9-0214/2023),
- A. billi l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew trid tirrispetta l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 14(2), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), jiġifieri li l-għadd ta' rappreżentanti taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea ma jaqbiżx seba' mija u ħamsin, minbarra il-President, li r-rappreżentanza tkun proporzjonali digressivament, b'limitu minimu ta' sitt membri għal kull Stat Membru u li ebda Stat Membru ma jiġi allokat iktar minn sitta u disgħin siġġu;
 - B. billi l-Parlament għandu d-dritt ta' inizjattiva fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew,
 - C. billi l-Artikolu 14(2) tat-TUE jiddikjara li l-Parlament Ewropew għandu jkun magħmul minn rappreżentanti taċ-ċittadini tal-Unjoni;
 - D. billi l-Artikolu 10 tat-TUE jipprevedi fost l-oħrajn li l-funzjonament tal-Unjoni għandu jkun ibbażat fuq id-demokrazija rappreżentattiva biċ-ċittadini rappreżentati direttament fil-livell tal-Unjoni fil-Parlament Ewropew;
 - E. billi r-riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament tat-3 ta' Mejju 2022 dwar ir-riforma tal-liġi elettorali Ewropea tipproponi l-istabbiliment ta' kostitwenza madwar l-Unjoni kollha;
 - F. billi l-istabbiliment ta' kostitwenza madwar l-Unjoni kollha jeħtieġ li l-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett jiġi emendat;
 - G. billi d-determinazzjoni tan-numru ta' siġġijiet ta' kostitwenza potenzjali madwar l-Unjoni kollha taqa' fil-kompetenza ta' deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew dwar il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew abbażi tal-Artikolu 14(2) tat-TUE, filwaqt li d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-istabbiliment tagħha huma bbażati fuq l-Artikolu 223(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
 - H. billi l-allokkazzjoni tas-siġġijiet fost l-Istati Membri fil-leġislaturi attwali u tal-passat ma kinitx ir-riżultat ta' sistema ta' kalkolu permanenti, iżda ta' negozjati politiċi; billi, b'riżultat ta' dan, il-metodu attwali ta' allokkazzjoni tas-siġġijiet lill-Istati Membri ma jikkonformax awtomatikament mal-prinċipju tal-proporzjonalità digressiva; billi mekkaniżmu ta' kalkolu permanenti li jirrifletti ċ-ċifri tal-popolazzjoni fl-Istati Membri tal-Unjoni jiżgura konformità futura ma' dak il-prinċipju;
 - I. billi d-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li tistabilixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew trid tkun lesta biżżejjed qabel il-jum tal-votazzjoni sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jippromulgaw id-dispożizzjonijiet legali meħtieġa biex jorganizzaw l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew għal-leġislatura 2024–2029;
1. Jinnota li l-allokkazzjoni attwali tas-siġġijiet fil-Parlament Ewropew kif stabbilita fid-Deċiżjoni (UE) 2018/937/UE tapplika għal-leġislatura tal-2019–2024; jisħaq, għalhekk, li hemm il-ħtieġa ta' deċiżjoni ġdida dwar il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew għal-leġislatura tal-2024–2029 mingħajr dewmien;
 2. Jirrikonoxxi l-fatt li għadd ta' Stati Membri jqisu li għandu jittieħed kont tas-sistema ta'

votazzjoni fil-Kunsill meta tkun qed tittieħed deċiżjoni dwar l-allokazzjoni tas-siġġijiet fil-Parlament Ewropew;

3. Madankollu, jirrimarka li, f'konformità mal-proposta tiegħu għal Regolament tal-Kunsill anness mar-risoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tat-3 ta' Mejju 2022 dwar ir-riforma tal-liġi elettorali Ewropea, it-28 siġġu addizzjonali għall-Membri eletti f'kostitwenza tal-Unjoni kollha jiġu effettivament stabbiliti biss wara l-elezzjonijiet wara d-dħul fis-seħħ ta' liġi elettorali Ewropea riveduta, flimkien mad-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-kostitwenza madwar l-Unjoni kollha;
4. Jissottolinja bil-qawwa l-ħtieġa fil-futur għal sistema permanenti, ibbażata fuq formula matematika ċara, li talloka s-siġġijiet tal-Parlament Ewropew b'mod oġġettiv, ġust, durabbli u trasparenti, filwaqt li tirrispetta l-prinċipju ta' proporzjonalità digressiva kif definit fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (UE) 2018/937; iqis li mhux politikament vijabbli f'dan l-istadju li l-Parlament jipproponi tali sistema permanenti filwaqt li teħtieġ iktar deliberazzjoni u għandha tiġi introdotta ferm qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew; jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali jerġa' jibda l-ħidma tiegħu fuq tali sistema permanenti, fi ħdan din il-leġiżlatura, inkluża l-esplorazzjoni tal-possibbiltà li l-Eurostat ikun involut;
5. Iqis li kwalunkwe dewmien ulterjuri fil-ħidma tal-Kunsill dwar il-modifika tal-liġi elettorali Ewropea jmur kontra l-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera kif minqax fl-Artikolu 4(3) tat-TUE peress li d-deċiżjoni tal-Kunsill hija mistennija li jkollha impatt fuq l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u jista' jkollha impatt fuq il-kompożizzjoni tiegħu;
6. Jissottolinja l-ħtieġa urġenti li l-Kunsill Ewropew jadotta d-deċiżjoni dwar il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jippromulgaw, fil-ħin xieraq, id-dispożizzjonijiet nazzjonali meħtieġa biex jippermettulhom jorganizzaw l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew għal-leġiżlatura 2024-2029; jenfasizza li l-Parlament huwa għalhekk impenjat li jipproċedi malajr bil-proċedura ta' approvazzjoni, fl-ispirtu ta' kooperazzjoni sinċiera reċiproka;
7. Jadotta u jressaq lill-Kunsill Ewropew il-proposta annessa għal deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew, abbażi tad-dritt ta' inizjattiva tiegħu stabbilit fl-Artikolu 14(2) tat-TUE; jirrimarka li tali deċiżjoni tista' tiġi adottata biss bil-kunsens tal-Parlament, u għalhekk jitlob lill-Kunsill Ewropew biex jinfurmah minnufih, jekk ikollu l-ħsieb li jiddevja mill-proposta ppreżentata, u b'liema mod;
8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-risoluzzjoni leġiżlattiva, kif ukoll il-proposta annessa magħha, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-parlamenti u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.